# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-24 ta' Novembru 2022**

**Rik.Gur. Nru.: 185/2019 JPG**

**Kawza Nru : 28**

**DV f'isimha proprju kif ukoll bhala kuratrici ad litem tal-minuri YV**

**Vs**

1. **RC**
2. **Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' DV datat 30 ta' Lulju 2019, a fol 1et seqq, li jaqra hekk:

1. *Illi f'X, r-rikorrenti DV welldet tifla li semmiet YV u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid numru 3023 tas-sena 2004 (anness u mmarkat bhala Dok A);*

2. *Illi l-minuri giet koncepita f'kors ta' relazzjoni li r-rikorrenti DV kellha mal-intimat RC;*

3. *Illi l-istess rikorrenti hija certa li l-intimat RC huwa l-missier naturali tal-minuri izda stante li l-partijiet mhumiex mizzewwgin u stante li l-istess intimat RC rrifjuta li jirrikonoxxi lil bintu, r-rikorrenti ma kellha ebda alternattiva ohra hlief li tnizzel li l-missier tat-tarbija mhux maghruf;*

4. *Illi minkejja li ntbaghtet ittra ufficjali lill-intimat RC (anness u mmarkat bhala Dok B) sabiex jirrikonoxxi) lil-istess minuri bhala bintu naturali u minkejja li gie debitament notifikat, baqa' inadempjenti u ma pprezenta ebda nota fir-Registru u ghalhekk l-esponent kellha tipprezenta dan ir-rikors guramentat;*

5. *Illi l-paternita' tal-minuri YV tista' tigi stabbilita permezz ta' testijiet genetici apposta. R-rikorrenti tiddikjara minn issa li hija lesta (kif wara kollox dejjem kienet) li tissottometti ruhha ghal tali testijiet genetici sabiex il-paternita' tal-istess minuri tigi stabbilita';*

6. *Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment;*

*Ghaldaqstant jghidu l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-*

1. *Tahtar espert xjentifiku tad-DNA sabiex jikkonferma illi l-minuri YV hija bint l-intimat RC;*

2. *F'kaz illi jirrizulta xjentifikament illi l-minuri YV hija bint l-intimat RC, tiddikjara lill-istess intimat RC bhala l-missier naturali tal-minuri YV mwielda nhar X;*

3. *Tiddeciedi u tiddikjara li l-intimat RC huwa l-missier naturali tal-minuri YV, li twieldet f'X;*

4. *Tordna l-korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid tal-minuri YV(Att Nru 3023 tal02004) billi fil-kolonna fejn hemm indikat li l-missier ta' YV 'mhux maghruf', din tigi sostitwita bl-isem 'RC' inkluz fosthom il-professjoni, sengha jew stat iehor, l-eta', l-post tat-twelid, in-numru tal-karta tal-identita', residenza, isem u kunjom missieru u jekk hux haj jew mejjet jigu mnizzla fl-istess certifikat tal-minuri;*

5. *Tordna r-registrazzjoni tar-rikonoxximent tal-istess YV bhala wild naturali ta' RC fl-atti tal-istat civili relattivi;*

6. *Tordna li fl-ahjar interess tal-minuri, kunjom il-minuri ghandu jibqa' dak 'V'.*

7. *Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ma jaghmel ebda tibdil fil-kunjom tal-minuri sabiex tibqa' tissejjah u tkun registrata bil-kunjom 'V';*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati jew min minnhom ingunti minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 27 t'Awwissu 2019, a fol 25 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament l-esponent jeċċepixxi illi l-attriċi trid iġġib prova illi l-intimat RC ġie debitament notifikat bl-Ittra Uffiċċjali li saret ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, liema ittra uffiċċjali għandha n-numru 55/2018;*

2. *Illi bla ħsara għal premess u fil-mertu l-esponent jistqarr li mhux edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;*

3. *Illi l-esponent jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji u umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex jiġi vverifikat jekk il-konvenut huwiex verament il-missier naturali tal-minuri YV;*

4. *Illi bla ħsara għas-suespost, f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, 1-esponent jistieden lil konvenut RC sabiex jippreżenta d-dettalji personali kollha tiegħu permezz ta' nota li tispeċifika senjatament: (1) In-numru tal-karta tal-identita` tiegħu, (2) Ismu u kunjomu, (3) L-eta` tiegħu meta twieldet il-minuri, (4) Il-post tat-twelid tiegħu, (5) Il-post ta' residenza tiegħu meta twieldet il-minuri, (6) Isem u kunjom ta' missieru u (7) Jekk l-imsemmi missier*

*patern kienx għadu ħaj meta twieldet il-minuri. Tali informazzjoni hija meħtiega sabiex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-minuri li jġib in-numru 3023 tas-sena 2004;*

5. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandha tassumi YV, a tenur tal-Artikolu 92 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. *Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.*

Rat illi l-intimat gie notifikat fl-20 ta’ Novembru 2019 permezz tal-affissjoni u pubblikazzjoni u ma pprezenta ebda risposta. (Vide Fol 43)

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat in-nota tal-intimat RC li permezz taghha ammetta t-talbiet fil-kawza odjerna. (Vide Fol 95)

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici DV xehdet nhar is-26 ta’ Frar 2020 (vide fol 44 et seq)** u spjegat illi l-minuri twieldet f’X u l-missier qatt ma kien f’hajjitha ghal ghaxar (10) snin shah, pero’ wara ghaxar snin (10) kien wera interess li jkun fil-hajja tal-minuri u anke kienu ghamlu skrittura bejnithom. Illi pero’ wara sena u nofs, l-intimat RC rega’ waqqaf il-kuntatt. Meta kienet ghadha zghira l-minuri, l-attrici kienet tigri warajh biex jirrikonoxxi lill-minuri bhala bintu u hija certa illi huwa l-missier. L-attrici tishaq illi hi kienet ilha taf lill-intimat xahrejn qabel ma harget tqila u l-intimat lanqas waqt it-tqala ma kien maghha ghaliex meta harget tqila ghalkemm l-intimat kien qalilha li qieghed

jissepara minn ma martu, fil-verita' l-intimat kien ghadu mizzewweg u hi ma kienet taf xejn minn dan. Dak iz-zmien hi kellha ghoxrin (20) sena u l-intimat kellu wiehed u tletin (31). L-attrici tikkonferma illi f'dak il-perjodu hi kellha relazzjoni intimi mal-intimat biss u li effettivament hija kellha rapport mal-intimat darba biss. Izzid illi l-intimat ilhu madwar tlett snin ma jara lill-minuri, u li l-minuri llum ghandha hmistax (15) – il sena.

Tixhed illi l-intimat ghandu zewgt itfal miz-zwieg tieghu, lill-minuri bint il-partijiet, u ghandu zewgt itfal ohra mill-partner, u hemm tifla ohra li ma rrikonoxxihiex. Fir-rigward manteniment, l-attrici tispjega illi meta kien qabad jara lit-tifla, kien jaghtiha EUR 120 kull xahar, u dam jaghtiha din is-somma ghal circa sena u nofs. Izzid illi l-intimat ghandu wkoll tattoo b'isem it-tifla u anke ghandu xi ritratti mat-tifla fuq facebook. L-intimat huwa kuntrattur u jahdem diversi bnadi ta' Malta.

**Joyce Agius Deputat Registratur Qorti Kriminali xehdet nhar it-18 ta' Ottubru 2021, (vide fol 72 et seq)** u spjegat illi mis-sistema jirrizulta illi l-intimat kellu sitt (6) kawzi li kollha huma decizi. Illi ghalkemm ma jrizultax illi hemm kumpilazzjonijiet fil-konfront tieghu li huma pendenti, is-sistema ma tinkludix kawzi sommarji bhal dawk tad-distrett.

**L-Ispettur Andre Agius xehed nhar l-4 ta'Novembru 2021 (vide fol 77 et seq)** u spjega illi l-intimat ghandu kawza fuq id-distrett tal-Qawra quddiem il-Magistrat Dr Charmaine Galea u fil-prezent mhu jiffirma mkien.

**Ikkonsidrat:**

Illi permezz ta' din l-azzjoni l-attrici qed titlob illi l-konvenut RC jigi dikjarat bhala l-missier naturali ta' YV li twieldet fid-9 ta'Settembru 2004 liema twelied gie registrat mir-rikorrenti, u gie dikjarat illi l-minuri hija bint missier mhux maghruf hekk kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid bin-numru ta' registrazzjoni 3023/2004 *a fol 7* tal-atti.

Din il-kawza hija ghalhekk ibbazata fuq l-artikolu 86A tal- Kodici Civili, li jipprovdi:

> ***"L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi***

***stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna rreġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi."***

Il-Qort rat ukoll illi l-partijiet isottoponew ruhhom ghat-testijiet genetici sabiex tigi accertata l-paternita' tat-tifla b'mod xjentifiku. Il-Qorti taghraf illi f'kazijiet bhal dawn il-prova regina huwa l-ezami xjentifiku tad-DNA. Kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta:

***"...f'kawżi bħal dawn, il-provi xjentifiċi u ġenetiċi huma l-prova reġina u għalhekk il-Qorti tista' tiddependi fuqhom mingħajr analiżi ta' provi oħra u cioe jekk l-attriċi possibilment kellhiex relazzjonijiet sesswali ma' rġiel oħra, oltre l-konvenut…fiż-żmien tal-konċepiment tal-minuri..."*** [1]

Il-Qorti rat illi skont ir-rapport guramentat ta' Dr. Marisa Cassar *a fol 90 et seq*, it-testijiet genetici li saru fuq il-konvenut u t-tifla jistabilixxu illi l-istess konvenut huwa l-missier bijologiku tat-tifla. Illi ghalhekk, u in vista tar-rapport guramentat ta' Dr. Marisa Cassar, il-Qorti tqis illi gie stabbilit b'mod car u inekwivoku, illi l-konvenut huwa l-missier bijologiku tal-minuri bint il-partijiet.

Rigward il-kwistjoni tal-kunjom ta' bint il-partijiet li ormai lahqet ghalqet tmintax- il sena (18) rat illi l-omm xtaqet illi l-minuri tibqa' ggib il-kunjom V in vista tat-trapass taz-zmien li t-tifla kienet maghrufa b'dan il-kunjom. Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi dan ikun fl-ahjar interess tal-minuri sabiex ma jkunx hemm bdil dwar kif it-tifla hija maghrufa fil-komunita taghha u sabiex it-tifla ma tigix soggettata ghal disagu bla bzonn. Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi kunjom ta' Y jibqa' V.

Ghar-rigward il-kap tal-ispejjes, ikkonsidrat illi l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez hija regolata mill-ligi u cioe l-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi hekk:

***"(1) Kull sentenza definittiva għandha tikkundanna lit-tellief għall-ispejjeż.***

***(2) Fil-każijiet kollha, il-qorti tista' tordna li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha, meta kull waħda mill-partijiet tkun it-telliefa f'xi punt tal-kawża, jew meta jindaħlu kwistjonijiet diffiċli tal-liġi, inkella għal xi raġuni tajba oħra."***

[1] A B vs C D et, Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) (Rik. Gru. Nru. 79/16) 25 April 2018.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **HLB Falzon & Falzon vs Josette Xuereb** deciza mill-**Qorti tal-Appell** fis-16 ta' Settembru 2004 fejn dwar dan l-artikolu gie spjegat illi:

***"Jinsab ritenut illi "minn din id-disposizzjoni esplicita jirrizulta car u manifest li l-Qorti meta tittempera l-ispejjez ma tistax tmur aktar l'hemm milli tordna illi lispejjez ma jigux intaxxati; salvi eccezzjoni specjalissimi" (Kollez. Vol XLVIII pI p445; Vol XXXIX pI p340; Vol XXVI pI p173);***

***Huwa rikonoxxut pero` li jezistu kazijiet li fihom ma tkunx qed issir gustizzja malparti proceduralment sokkombenti jekk ma tigix b'danakollu mehlusa ghal kollox mill-ispejjez. Gie infatti enuncjat illi "l-imsemmija disposizzjonijiet tal-ligi taghna ma jidhirx li kkonsidraw dawk ir-regoli bhala normi talment tassattivi u nflessibbli illi ma jippermettux f'certi kazijiet illi l-parti proceduralment vincitrici tehel lispejjez kollha" (Kollez. Vol XLIX pI p190). B'ezemplari din is-sentenza ssemmi lkaz fejn il-proceduri jsiru fl-interess esklussiv tal-attur u l-konvenut ma jkollu lebda nteress li jikkontesta u s-sokkombenza tieghu tkun wahda sempliciment formali. Hekk insibu a Vol XXXIII pII p55 illi "jekk l-atturi jridu dikjarazzjoni millQorti l-ligi ma tipprojbix illi l-Qorti tippresta l-ufficcju taghha biex taghti dik iddikjarazzjoni pero` a spejjez ta' min jitlobha, jekk il-parti l-ohra ma tikkontestax id-dikjarazzjoni". Ezemplari iehor hu dak fejn l-attur jitlob il-korrezzjoni tal-atti tal-istat civili. Anke hawn di norma l-ispejjez jigu sopportati mill-attur."***

Il-Qorti tosserva illi ghalkemm l-attrici ntavolat il-proceduri odjerni fis-sena 2019, meta bint il-partijiet kienet lahqet tfarfret sew, l-intimat kellu ukoll l-fakolta' li jirrispondi ghall-ittra ufficjali prezentata mill-attrici fit-tnejn ta' Mejju 2018, specjalment meta huwa kien jaf bl-ezistenza ta' bintu tant li anke kellu *tattoo* b'isem bint il-partijiet. Din il-procedura hija wahda facile u ferm anqas kostuza minn dik odjerna. L-intimat pero ghazel li ddeklina milli jadopera tali procedura. Ghalhekk l-attrici kienet kostretta tipprocedi b'litigazzjoni. Illi fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi l-intimat ghandu jbaghti l-ispejjez tal-proceduri kollha, inkluz dawk tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

**Illi ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici kif gej:**

1. **Tiddikjara illi l-intimat RC detentur tal-karta tal-identita' bin-numru Y huwa l-missier bijoloġiku tal-minuri, YV imwielda f'X lill-attrici DV (K.I. Z);**

2. **Tordna lill-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fiċ-ċertifikati tat-twelid tal-minuri, YV innumerat 3023/2004 fid-dettalji ta' missier it-tarbija, huwa jħassar il-kliem "missier mhux magħruf" u minflok iniżżel id-dettalji tal-konvenut u cioe: RC detentur tal-karta tal-Identita' Maltija bin-numru Y, imwieled l-A, u iben SC li kien haj fil-mument tat-twelid tal-minuri, u li l-konvenut RC kellu wiehed u tletin (31) sena meta twieldet it-tifla u kien residenti S;**

3. **Tordna, illi l-minuri YV tibqa' magħrufa bil-kunjom *V*.**

**L-ispejjeż kollha, inkluzi dawk tal-mizati dwar DNA Tests u tad-Direttur Registru Pubbliku, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut inkluz l-ispejjez tal-attrici.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**